

# Il-Knisja l-Qadima ta' SANTA MARIJA

## APPREZZAMENT

### Tagħrif storiku, soċjali u reliġjuż li għandu konnessjoni mal-bini tal-Knisja l-Qadima.

F'dan l-artiklu meħmuż mal-programm tal-festa tagħna ser nitkellem dwar il-Knisja tagħna u nagħti tagħrif dwarha akkumpanjat minn disinji u ritratti. Nifhem li dan jista jservi sabiex meta nattendu għal xi ċelebrazzjoni fil-Knisja l-Qadima, barra milli jgħina biex napprezzawha iktar, jgħina wkoll biex nidħlu b'xi mod fl-ispirtu li nebbaħ 'l min tana dan il-ġojjel ta' arkitettura u skultura.

Wara l-Assedju l-Kbir, il-Kavallieri ta' San Gwann għażlu li jibqgħu f'Malta. Għalhekk bnew l-Belt Valletta flimkien ma' ħafna swar mifruxin mill-inħawi l-iktar straġiċi tal-gżejjer Maltin. Żdied il-ġid fost il-poplu. Żdiedu n-nies, kibret is-sigurta' ta min ma kienx jgħix fl-ibliet wara s-swar. Fost id-diversi proġetti nsibu wkoll il-bini ta' knejjes u t-tkabbir ta' dawk qodma, s'itendi, fl-istil tal-istess żminijiet. Il-Knisja tagħna ġiet mibnija f'dan iż-żmien. Qed nitkellmnu dwar is-sekli 16-17.

Il-bini tas-swar setgħa kien influwenza fl-għamla ta' bini ieħor l-għaliex l-arkitetti taż-żmien kienu pjuttost inġiniera militari, bħal Laparelli u Ġlormu Cassar (missier Vittorio) li skond it-tradizzjoni, kien ukoll fil-bidu, b'xi mod responsabbli fil-bini u d-disinji tal-Knisja tagħna. Fil-fatt jidhirli li d-dehra tagħha minn barra, bl-eċċezzjoni tal-iskultura li għandha fuq il-bieb prinċipali, hija waħda awstera u serja, akkumpanjata minn linji qawwija normalment assoċjati mas-swar.



L-Iskultura li hemm fuq il-bieb prinċipali tal-Knisja

*Ikompli l-paġna li jmiss*

Iżda meta daħal fix-xena Tommaso Dingli, li kien mhux biss arkitett iżda wkoll skultur, il-Knisja, speċ jalment minn ġewwa, ħadet sura iktar doċli, preċiżament minħabba l-volum kbir u qawwi ta' skultura li nsibu ġo fiha. Kien għalhekk, forsi, li xi wħud li kitbu dwarha, jikkunsidrawha pjuttost bħala eżemplari ta' arkitettura Maltija ta' perjodu transitorju, iġifieri ta' dak bejn l-istil Klassiku Rinaxximentali ta' l-aħħar fażi u l-istil Barokk li kellu mbagħad jiddomina ħafna, sa żminijietna, speċjalment fil-bini tal-Knejjes tagħna. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-Knisja l-Qadima hija wkoll Barokka.

L-istil Barokk, fil-fatt, ħareġ minn dak Klassiku-Rinaxximentali Bramantesk għax kien il-famuż arkitett Bramante li, fost l-oħrajn, kien iddisinja l-Bażilika ta' San Pietru, ġewwa Ruma, għall-Papa Gulju II, b'forma ta' salib bl-erbgħa dirgħajn indaqs. Izda dan id-disinn ġie iktar tard modifikat minn arkitetti famużi oħra, fosthom Michelangelo. Iżda dawn ta' l-aħħar ma baqgħux strettament marbuta mar-regoli mfdassla minn Bramante, kienu iktar liberi fl-eżekuzzjoni tad-disinji li għamlu ta' knejjes u bini ieħor, u b'hekk taw bidu għal l-espressjonijiet artistiċI għal stil li issejjaħ Barokk. Fil-Barokk xorta baqgħu jiġu utilizzati ħafna elementi tal-Klassiku-Rinaxximentali.Iżda l-Knisja spiċċat biex teħodha kontra kull tagħlim, inkluż l-insistenza li ċ-ċerimonji tal-knisja kellhom



Il-Pjanta tal-Vatikan bl-erbgħa dirgħajn indaqs kif kienet ser tkun oriġinarjament

ikunu f'lingwaġġ li jinftiehem mill-poplu. Ta' min iżid li waqt li l-Klassiku Rinaxximentali jikkunsidra knisja mibnija fuq kwadru wieħed li għandu bħala ċentru l-koppla, il-Barokk jikkunsidra li knisja għandha tinbena fuq sebgħa kwadri, iġifieri f'forma ta' salib b'sieq twila lli testendi fi 3 kwadri. Din il-parti tissejjaħ il-kursija, jew aħjar, il-parti fejn joqgħodu l-biċċa l-kbira tan-nies. F'din l-istruttura tal-knisja naraw distinzjoni netta bejn is-saċerdot madwar l-altar fuq il-presbiterju u n-nies miġburin fil-kursija. Din id-distinzjoni baqgħet dejjem tikber minħabba li ċ-ċelebrazzjonijiet b'insistenza dejjem ikbar baqgħu jsiru bil-Latin, lingwaġġ li l-poplu ftit li xejn kien jifhem. L-insistenza tal-Latin kien dovut għall-Konċilju ta' Trentu li ġie msejjaħ biex jikkumbatti t-tagħlim tal-Protestanti tas-seklu 16.

Ta' min jinnota hawn li l-Ġeżwiti kienu minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra l-Protestanti. Jista jkun li bħala rikonoxximent tal-kontribut tagħhom fiż-żmien li nbniet il-Knisja l-Qadima ġie deċiż li fis-saqaf, f'nofs il-kusija jitqiegħed skolpit fil-ġebel in-*Nome di Gesu'*, li hu ħafna assoċjat magħhom. Apna wkoll għandna għax inkunu rikonoxxenti lejn il-patrijiet Ġiżwiti li għandhom il-Kulleġġ ta' San Alwiġi fil-limiti tal-parroċċa tagħna għax kontinwament jagħtu kontribut pastorali fil-Knisja tagħna.

Insibu wkoll skolpita fil-ġebel fis-saqaf Iżda fil-parti tal-kor xbieha ta' Sant' Elena li mbagħad saret il-patruna ta' Birkirkara meta l-Knisja tagħna ġiet abbandunata u l-karkariżI għażlu li jespandu fuq ix-xaqliba l-oħra tal-wied li jifred il-komunita' tagħna minn dik ta' Sant' Elena. Nifhem li din il-qaddisa kienet importanti u popolari minn dejjem fost il-karkariżi l-għaliex numru konsiderevoli minnhom setgħu kienu arġentiera. Niftakru li Sant' Elena hija l-patruna tal-arġentiera.Ta' min isemmi wkoll l-element simboliku qawwi fl-iskultura li nsibu fil-Knisja speċjalment fl-artali hekk tradizzjonalment imsejħa tal-Kurċifiss u tar-Rużarju. Żgur li fi żmien meta l-poplu ftit li xejn kien jaf jikteb u jaqra dawn għenu bħala priedki u omeliji fil-ġebla rinomati l-iżjed fil-knejjes Gotiċi tas-sekli ta' qabel.

Nifhem li l-Kurċifiss li għandna wara l-altar tas-Sagrament ikun iktar f'postu fl-artal imżejjen bis-simboli tal-Passjoni, għax jixraq iktar minflok ikollna xbieha qawwija ta' Kristu fil-Glorja bħala l-*Pantocrator* li nsibu fil-knejjes Orjentali. Dan għaliex il-Kurċifiss huwa mument wieħed fil-ġraja tal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu li twassalna biex nimmiraw għall-qawmien tagħna u għal-laqgħa tagħna mal-Mulej fil-Ħajja ta' dejjem.

Insemmi wkoll statwa tal-Madonna tad-Duttrina li qegħda bil-qegħda fuq sedja tgħallem bil-kotba tirfishom b'saqajha għax minnhom ħiereġ is-serp, simbolu tax-xitan li għadu jbiegħed l-bniedem minn Alla u mill-verita'. Din l-istatwa antika ħafna ġiet magħmula fi żmien meta l-Knisja f'Malta kienet ukoll qegħda tissielet kontra l-iżbalji tal-Protestantiżmu. Tinstab fis-sagristija fejn aħna s-saċerdoti nippreparaw għall-quddiesa. Iżda dnub li mhiex qegħda f'post iktar milħuq u dnub ukoll li għadha ma gietx irrestawrata.

Fl-aħħarnett niġbed l-attenzjoni għall-presbiterju. Ikun iktar xieraq li, bħalma nsibu fil-bażiliċi antiki, l-altar tas-Sagrament kien qiegħed fis-Sagristija l-oħra. Dan isir meta nesponu s-Sagrament fit-tul għax jgħin iktar għall-ġabra u għad-devozzjoni. Ta' min ukoll jinnota li l-altar maġġur ikun iktar fil-baxx u f'pożizzjoni li jidher u jintlaħaq minn nies skond l-ispirtu tar-riforma Liturġika tal-Konċilju Vatikan II.

Nittama li dan it-tagħrif jgħina napprezzaw il-Knisja l-Qadima tagħna aħjar.

*Dun George Schembri*

